# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*21 ta' Ottubru, 2009*

111/2009

## KJARIFIKA

Fr. Ray Toledo, Delegat tal-Arċisqof għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi jixtieq jagħmel din il-kjarifika dwar dak li jgħid id-Dokument "Nirrestawraw il-Festi Flimkien" fuq il-marċ imsejjaħ tan-Nar.

Id-dokument, taħt it-Taqsima 4, 'Iċ-Ċelebrazzjoni Liturġika tal-Festa', paragrafu 4.9k jgħid li: "Ir-radd ta' Ħajr 'l Alla għandu jsir għal kull min ta sehmu fil-Festa immedjatament wara li l-vara titqiegħed f'postha bil-barka sagramentali li timmarka t-tmiem tal-Festa."

Dan il-paragrafu jitkellem biss fuq dak li jsir ġewwa l-knisja u ma fih l-ebda referenza dwar il-marċ tal-banda li jsir fit-toroq. Dwar dan, id-Dokument ma jieħu l-ebda pożizzjoni u l-Awtoritajiet tal-Knisja jieħdu deċizzjoni fuqu wara l-konsultazzjoni li qed issir.